MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Talba Numru. 29/2003

**Dingli Co International Limited bhala Mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**Vs**

**Francois Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46) kwantu ghal Lm44.75 Royalty dovuta bil-quddiem ghal perjodu 6 ta' Lulju 2002 sal-5 ta' Lulju 2003, in konnessjoni mal-licenzja numru 010936 rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut, b'liema licenzja il-konvenut qieghed jigi moghti id-dritt li jxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment Bugies

Restaurant Pizzeria, Bugibba u Lm6.71 Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-prokuratur legali Josette Attard in rapprezentanza tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46) kif fuq spjegat, bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez (mhux inkluzi drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------